# Il-Bilingwiżmu u l-Malti llum

Joanna Buttigieg
Anthea Marie D'Anastas
Yasmine Gatt

Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Il-ħtiġijiet lingwistiċi tal-poplu Malti

L-istatus bilingwi ta' pajjiżna huwa rikonoxxut u mniżżel fil-Kostituzzjoni

- Il-Malti huwa ilsien nazzjonali

- Il-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna uffiċjali (u dawk l-ilsna l-oħra li jista' jiddeċiedi dwarhom il-Parlament minn żmien għal żmien).

  Malta għandha żewġ lingwi uffiċjali (din is-sitwazzjoni ssibha f'ħafna pajjiżi) imma lingwa nazzjonali waħda (din il-lingwa ssibha f'Malta biss).

- Il-Malti huwa rikkonoxxut bħala uffiċjali fost l-ilsna fl-Unjoni Ewropea. Il-liġi tal-UE tgħid li kull ċittadin għandu d-dritt juża/jesprimi ruħu bil-lingwa tiegħu f'pajjiżu u dan għandu jiġi użat fil-prattika.

# Il-Malti…

Hu l-ilsien tal-Maltin li bih jikkomunika l-poplu

Huwa lsien uniku (simetiku miktub b'ittri Latini), ħaġa ta' valur fiha nfisha

Il-Malti hu lsien żgħir għax mitkellem minn popolazzjoni żgħira u għax hu lsien żgħir hu miftuħ għall-influwenza ta' ilsna oħra ferm ikbar minnu (eż. Taljan, Ingliż, Franċiż)

Il-Malti huwa lsien ħaj li qed jiżviluppa minn kull lat.

Numru dejjem jikber ta' studenti li jagħżluh fil-livell avvanzat

Interess minn barranin li jgħixu fostna u minn ulied il-Maltin li kienu emigraw f'pajjiżi barranin

Huwa impossibbli li persuna tintegra għalkollox fis-soċjetà Maltija mingħajr ma tkun taf il-Malti.

# L-importanza tal-Ingliż u ilsna oħra

Huwa fatt li ż-żewġ lingwi huma importanti għat-tfal u għall- Maltin kollha.

Il-pożizzjoni ġeografika u ċ-ċokon tagħna fejn l-ekonomija tiddependi minn pajjiżi oħra.

Jagħti lok għal aktar investiment f'pajjiżn inkluż it-turiżmu.

Il-ħajja globali tal-lum, il-mezzi tal-komunikazzjoni, l-internet u s-*social networks* huma l-għodda l-aktar meħtieġa biex niżviluppaw lilna nfusna, nikkomunikaw aħjar fit-tiftix ta' xogħol, studju u mawriet barra.

Prof. Alexander Borg jgħid mhux il-Malti u l-Ingliż biss, iżda Taljan, Franċiż, Germaniż, Għarbi u ilsna oħra…

# Fis-sistema edukattiva tagħna…

Iktar ma titla' iktar jonqos l-użu tal-Malti! (eż. Università)

Fil-livell postsekondarju l-materjal stampat hu bl-Ingliż, imma l-livell tal-istudenti fl-Ingliż mhux tajjeb biżżejjed, tant li jeħlu biex jispjegaw kunċetti kkumplikati…

Skont il-Kurrikulu preżenti, is-suġġetti ta' valur affettiv (il-Malti, l-Istudji Soċjali, ir-Reliġjon) huma bil-Malti, il-bqija huma bl-Ingliż.

F'xi skejjel, fil-ħajja tal-iskola l-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti.

# L-użu tal-Malti fit-tagħlim

Iż-żewġ lingwi għandhom jintużaw fl-iskejjel kollha, u mod wieħed biex jiġri hekk huwa li ċerti suġġetti jiġu mgħallma bil-Malti, filwaqt li oħrajn bl-Ingliż. Dan jassigura li l-istudenti jiġu esposti għaż-żewġ lingwi, hi x'inhi l-lingwa li tintuża fl-ambjent tad-djar tagħhom.

Għandu jkun hemm lingwa għat-tagħlim ta' kull suġġett. Din m'għandhiex tkun regola tant stretta li għalliem ma jistax jispjega kunċett bil-lingwa l-oħra sabiex jiftiehem sew. Xi kultant issibha iżjed faċli tispjega xi ħaġa bil-Malti, jew bl-Ingliż.

Ikun żball kbir u ta' ħsara għall-istudenti kif ukoll għall-kultura Maltija jekk tingħażel lingwa waħda għat-tagħlim kollu – kif qed ikun suġġerit illum.

Aħjar niffukaw li jkollna Malti TAJJEB u Ingliż TAJJEB fl-iskejjel. Bosta drabi, l-istandard ikun ta' grammatika tajba u xejn iktar.

# Frak mill-istorja…



Mikiel Anton Vassalli,

*Missier l-ilsien Malti,* ra li t-tagħlim seta' jseħħ biss fi lsien il-poplu, jiġifieri bil-Malti u b'hekk jiġu mgħallma suġġetti oħra.

George Percy Badger (1838) jgħid li tfal Maltin kellhom żvantaġġ fl-edukazzjoni għax ma kinux jafu ħlief bil-Malti

Skont il-Kanonku Panzavecchia (Direttur tal-Edukazzjoni, 1844-1849) il-Maltin ta' nofs is-seklu dsatax kienu l-uniċi Ewropej li jitkellmu b'lingwa u jiktbu b'oħra.

Mir-rapporti ta' Penrose Julyann u Keenan (1879/9),l-għarfien tal-Ingliż iħaffef l-emigrazzjoni lejn pajjiżi kolonjali (Julyann),

*"Maltese should be the medium of instruction, English should be taught through Maltese…"* (Keenan).



# Facebook: Irridu li l-Malti jibqa' l-lingwa ewlenija tat-tagħlim fl-iskejjel.

Adrian Grima

Jekk il-Malti jitneħħa minn lingwa li biha jsir it-tagħlim mhux se tgawdi l-kwalità tal-Ingliż fost l-istudenti Maltin. Il-problema mhix ta' kwantità ta' Ingliż imma ta' kwalità. Fil-każ tal-Malti, it-tħaddim tal-lingwa, l-użu kontinwu u kreattiv tal-Malti f'oqsma differenti huwa kruċjali.

L-Ingliż għandu postu garantit fis-sistema edukattiva minħabba r-raġunijiet li huma ovvji għal kulħadd. Il-periklu huwa biss għall-Malti, li m'għandux id-dinja kollha tindukrah, imma lilna biss.

Mill-esperjenza ta' wliedi fl-iskejjel, nista' ngħid li sar u qed isir ħafna titjib fil-mod kif it-tfal jitgħallmu l-lingwi. Fit-tagħlim tal-Malti jrid isir ħafna iktar progress. Imma s-suġġetti l-oħrajn m'għandniex nużawhom biex intejbu l-livell tal-Ingliż.

Nifhem ukoll li hemm bżonn urġenti ta' politika nazzjonali fuq il-lingwa, mingħajr sterjotipi (bħal "aħna pajjiż bilingwi") u mingħajr passjoni żejda ("l-Ingliż qed jhedded il-Malti").

Trevor Zahra

Kull pajjiż modern u għaqli jitkellem bl-ilsien tiegħu. U hekk għandna nagħmlu aħna. M'għandi xejn kontra l-Ingliż, anzi naf li huwa l-"lingwa franka" ta' żmienna, ilsien għani u meħtieġ immensament. Imma Malti ma' Malti għandu dejjem juża l-Malti. U Malti TAJJEB.

Alfred Palma

Insalvaw l-Ilsien Malti qabel ikun tard wisq! U mieghu nirrispettaw ukoll l-Ilsien Ingliż. Nitkellmuhom u niktbuhom it-tnejn kif xieraq, u mhux kawlata tat-tnejn!!!

Manwel Mifsud

"Għall-imgħoddi m'għandniex imrar, imma mill-imgħoddi nitgħallmu. L-ilsien Malti għalina jibqa' jiġi l-ewwel, kif jiġi dejjem l-ilsien nattiv għall-popli kollha li jirrispettaw lilhom infushom, li huma mentalment emanċipati, li ma jintremewx. M'aħniex agħar minn ħaddieħor. Ma nkunux bħall-iblah tal-qawl Malti, li taqlagħlu għajnu u jifraħ. Illum dan qed tipprova tfehimhulna l-istess Ewropa li dari kienet taħkimna. Imma allura, aħna biss ma nitgħallmux? U kif nistgħu nkunu paċi mad-dinja lingwistika jekk ma nkunux qabelxejn paċi magħna nfusna, jekk ma ngħożżux lil dan l-ilsien illi – bis-saħħa tagħna u minkejja fina – għadu l-isbaħ wirt ta' missirijietna, l-aqwa rabta ta' bejnietna, l-iktar għodda demokratika li għandna?

L-ilsien Ingliż għalina wkoll huwa ġid kbir, u tkun ħasra jekk – minkejja l-vantaġġ ta' 200 sena – naraw popli oħra jgħadduna u lil uliedna jħalluhom l-art fit-tellieqa bla ħniena fit-triq tax-xogħol u tal-progress. Dan l-ilsien hu l-pont tas-salvazzjoni tagħna mad-dinja barra minna u jekk indgħajfuh inkunu qed nagħmlu suwiċidju.

Iżda l-Malti u l-Ingliż mhumiex fi ġlieda, mhumiex f'kompetizzjoni. Mhumiex alternattivi għal xulxin. Komplementari. Żewġ binarji differenti imma paralleli li se jwassluna għall-milja tal-personalità komplessa tagħna.

# Punti ġenerali

1. Il-bilingwiżmu Malti mhux nuqqas imma ġid li għadna ma għarafniex biżżejjed kif inħaddmuh bl-aħjar mod għall-ġid tal-Maltin.

2. Meta niġu biex niddeċiedu dwar l-użu u l-bilanċ taż-żewġ lingwi fil-ħajja Maltija, għandha naraw il-ħtiġijiet fiżiċi u morali tal-poplu Malti, u mhux l-interessi ta' xi lingwa minnhom, ladarba l-lingwa qiegħda biex taqdi l-bniedem u mhux bil-maqlub.

3. Il-Malti vs l-Ingliż – L-Ingliż vs il-Malti

   Kull sforz li jsir biex lingwa tavvanza lil hinn mis-sehem ġust tagħha spejjeż tal-lingwa l-oħra mhuwiex tajjeb għax ma jkunx immexxi mill-ġid sħiħ taċ-ċittadini Maltin

4. Kull provvediment li jiddiskrimina favur jew kontra xi lingwa lil hinn mir-rwol tagħha skont il-Kostituzzjoni huwa ħażin għax jiddisturba l-bilanċ milħuq fiha u jista' jnissel pressjoni żejda jew instabbilità soċjali.

5. Illum il-Malti qed jevolvi u jinbidel b'mod mgħaġġel ħafna bħala riżultat tal-kuntatt qawwi tiegħu mal-Ingliż. F'dan il-kuntest toħroġ l-importanza li aħna nżommu u nsaħħu l-ħiliet tagħna fl-Ingliż, lingwa internazzjonali li tqegħidna fuq livell dinji, u fl-istess ħin nipproteġu u nsaħħu dak li hu tagħna, il-Malti.



"...ħobb jekk jiswewlek l-ilsna barranija, iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa."

Dun Karm

# Riferenzi:

Il-preżentazzjoni hija ffukata fuq Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta’ Pajjiżna .X’inhu l-aħjar għal uliedna? – seminar nazzjonali li kien inżamm fl-2009 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti.

Facebook: Irridu li l-Malti jibqa' l-lingwa ewlenija tat-tagħlim fl-iskejjel.